**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-ĦATRIET PUBBLIĊI**

**LAQGĦA NRU 7**

**L-Erbgħa, 22 ta' Frar 2023**

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Ħatriet Pubbliċi ltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fil-5.02 p.m.

L-Onor. Chris Agius, President tal-Kumitat, ippresieda.

**PREŻENTI**

L-Onor. Clayton Bartolo, l-Onor. Andy Ellul, l-Onor. Davina Sammut Hili*, l-Onor. Karol Aquilina, l-Onor. Adrian Delia u l-Onor. Julie Zahra kienu preżenti.

*Sostitut tal-Onor. Amanda Spiteri Grech.

**MINUTI**

Il-Minuti ta' Laqgħa Nru 6, li saret fit-8 ta' Frar 2023, kienu kkonfermati.

**SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TA' DR EDWARD WOODS GĦALL-ĦATRA TA' CHAIRMAN TAL-AWTORITÀ MALTIJA GĦALL-EDUKAZZJONI AVVANZATA U GĦOLJA**

L-Onor Karol Aquilina qajjem il-punt li din in-nomina kienet dehret quddiem il-Kumitat ftit xhur qabel u l-istess Kumitat kien approva l-ħatra ta' Prof. John P. Portelli fis-27 ta' Settembru 2022. Huwa stqarr li fil-midja ma kien sema' xejn dwar ir-riżenja tal-istess Prof. Portelli u staqsa jekk il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni kienx issottometta xi dokumenti oħra apparti n-nomina u jekk il-Ministru jistax jagħti spjegazzjoni għal dan l-iżvilupp. Il-President tal-Kumitat qal li kien se jipprova jikkuntattja lill-Ministru kkonċernat.

Fil-5.04 p.m. il-laqgħa kienet sospiża u rriżumiet fil-5.08 p.m.

Il-Kumitat stieden lill-Onor. Clifton Grima, Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, biex jintervjenti fil-Kumitat. L-Onor. Clifton Grima ġie mistoqsi għalfejn il-Kumitat kien irċieva nomina ġdida għall-istess kariga li kien approva fir-rigward ta' xi ħadd ieħor ftit tax-xhur qabel. L-Onor. Clifton Grima wieġeb li Prof. John P. Portelli kien ikkomunika miegħu fl-aħħar jiem tas-sena ta' qabel u informah li kien ser ikun qed jirriżenja mill-irwol ta' Chairperson tal-Awtorità

għall-Edukazzjoni Avvanzata u Għolja għal raġunijiet personali. Għalhekk kien beda l-proċess għal nomina ġdida għall-istess kariga.

L-Onor. Karol Aquilina staqsa lill-Ministru jistax jgħaddi kopja tal-ittra tar-riżenja ta' Prof. Portelli u staqsa wkoll għalfejn ma kien hemm l-ebda stqarrija pubblika jew tħabbira ta' din ir-riżenja. L-Onor. Clifton Grima qabel li ma saritx tħabbira, imma qal li l-proċess għal nomina ġdida kien inbeda mill-aktar fis.

L-Onor. Karol Aquilina semma artikli li kienu ppubblikati fil-midja dwar l-American University of Malta u staqsa jekk ir-riżenja ta' Prof. Portelli kinitx konnessa ma' dawk l-artikli. L-Onor. Clifton Grima qal li sa fejn kien informat, Prof. Portelli kien irriżenja minħabba raġunijiet personali. Huwa assigura lill-Kumitat li kien ser ikun qed jibgħat kopja tal-ittra tar-riżenja ta' Prof. Portelli lill-Kumitat.

L-Onor. Clifton Grima rtira mill-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat irrefera għal ittra li kien irċieva mingħand il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, datata 23 ta' Jannar 2023, dwar in-nomina ta' Dr Edward Woods bħala Chairman tal-Awtorità Maltija għall-Edukazzjoni Avvanzata u Għolja.

Il-Kumitat stieden lil Dr Edward Woods sabiex jidher quddiem il-Membri tal-Kumitat biex isirulu mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li Dr Woods kien bagħat lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Dr Edward Woods daħal fil-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat informa lil Dr Woods li d-domandi u t-tweġibiet tiegħu kienu ser jiġu ppubblikati *ai termini* tal-artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u li l-laqgħa kienet se tiġi streamed live fuq il-website tal-Parlament, u eventwalment tixxandar ukoll fuq it-television channel tal-Parlament.

Dr Edward Woods ta rendikont tal-karriera tiegħu fejn qal li għamel 33 sena avukat u li kien qed jagħti s-servizz tiegħu bħala Chairman ta' żewġ awtoritajiet, liema awtoritajiet m'għandhom xejn x'jaqsmu mal-irwol li kien qed jiġi nnominat għalih.

Il-President tal-Kumitat stieden lill-membri tal-Kumitat sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom.

L-Onor. Adrian Delia staqsa xi sfidi li jara fl-irwol il-ġdid u jekk jarax xi intoppi li jaf jaffaċċja f'din il-kariga.

Dott. Woods stqarr li qabel tidħol għal karigi ġodda, diffiċli tkun taf x'jinvolvi l-irwol il-ġdid, u għalhekk semma l-isfida li wieħed jidra x-xogħol u l-proċeduri ta' post ġdid; l-isfidi li jista' jkun hemm fil-kwistjoni ta' xi studenti li jagħmlu numru ta' korsijiet mhux approvati mill-Kunsill Mediku, kif ukoll l-American University of Malta (AUM).

Ġew diskussi punti marbuta mal-assessjar, l-online learning u l-kwestjoni ta' two-tier examination sabiex ikun żgurat li l-korsijiet li qegħdin isiru huma kredibbli u rikonoxxibbli, bl-għan li l-istudent iserraħ moħħu li dak li qed jistudja għalih iwassal għal riżultat rikonoxxut. Waqt id-diskussjoni ssemmiet il-kwestjoni ta' rapporti ta' audit ta' entitajiet edukattivi li għandhom ikunu ppubblikati sabiex ikun hemm trasparenza fl-Awtorità, u ġie mistoqsi jekk meta jkun Chairman tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità japprovax li tali rapporti jkunu pubbliċi.

Il-President tal-Kumitat informa lill-Kumitat li l-Onor. Andy Ellul kien għadu kemm irċieva mingħand il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni kopja tal-ittra ta' riżenja ta' Prof. John P. Portelli mill-kariga ta' Chairperson tal-Awtorità għall-Edukazzjoni Avvanzata

u Għolja b'effett mill-1 ta' Jannar 2023. L-Onor. Andy Ellul qara lill-Kumitat din l-ittra, datata 28 ta' Diċembru 2022, mibgħuta minn Prof. John P. Portelli lill-Ministru Clifton Grima.

Fil-5.46 p.m. il-President tal-Kumitat irringrazzja lil Dr Woods u talbu sabiex jirtira mill-kamra tal-Kumitat sakemm il-Kumitat jiddiskuti n-nomina tiegħu.

Dr Edward Woods irtira mill-kamra tal-Kumitat.

Fil-5.47 p.m. il-laqgħa kienet sospiża sabiex il-membri jkomplu jiddiskutu bejniethom *in camera* u rriżumiet fis-5.48 p.m.

Il-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina ta' Dr Edward Woods għall-kariga ta' Chairman tal-Awtorità Maltija għall-Edukazzjoni Avvanzata u Għolja. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni għal din in-nomina u għalhekk il-ħatra proposta għaddiet.

Fis-5.49 p.m. il-Kumitat stieden lil Dr Edward Woods jidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

Dr Edward Woods daħal fil-kamra tal-Kumitat u ġie informat li n-nomina tiegħu għall-kariga ta' Chairman tal-Awtorità Maltija għall-Edukazzjoni Avvanzata u Għolja kienet għaddiet mill-Kumitat, u skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-parir tal-Kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom jintbagħtu lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni.

Dr Edward Woods irringrazzja lill-Kumitat tar-rakkomandazzjoni u qal li kien ser ikun qed jiċċara xi dubji li għandu qabel ma jaċċetta l-kariga ta' Chairman tal-Awtorità Maltija għall-Edukazzjoni Avvanzata u Għolja.

Fil-5.50 p.m. il-Kumitat ikkonkluda d-diskussjoni u aġġorna.

**EMMA TERRIBILE**
**SKRIVANA TAL-KUMITAT**

**KONFERMATI**

**ONOR. CHRIS AGIUS**
**PRESIDENT TAL-KUMITAT**